2025/2158

27.10.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2158

tal-24 ta' Ottubru 2025

li japplika tnaqqis mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2025 minħabba s-sajd eċċessiv fis-snin ta' qabel

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 105(1), (2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2023 ġew stabbiliti bir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2022/2090 ([2]), (UE) 2023/194 ([3]) u (UE) 2023/195 ([4]).

(2) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2024 ġew stabbiliti bir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2023/2638 ([5]), (UE) 2024/257 ([6]) u (UE) 2024/259 ([7]).

(3) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2025 ġew stabbiliti bir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2024/2903 ([8]), (UE) 2025/202 ([9]) u (UE) 2025/219 ([10]).

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2090 tas-27 ta' Ottubru 2022 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku, u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ibħra oħrajn (ĠU L 281, 31.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2090/oj).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/194/oj).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195 tat-30 ta' Jannar 2023 dwar l-iffissar għall-2023 tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/110 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 220, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/195/oj).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/2638 tal-20 ta' Novembru 2023 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2024 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra (ĠU L, 2023/2638, 22.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2638/oj).

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257 tal-10 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 (ĠU L, 2024/257, 11.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/257/oj).

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/259 tal-10 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi għall-2024 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed (ĠU L, 2024/259, 11.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/259/oj).

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/2903 tat-18 ta' Novembru 2024 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2025 u li jemenda r-Regolament (UE) 2024/257 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra (ĠU L, 2024/2903, 19.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2903/oj).

([9]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/202 tat-30 ta' Jannar 2025 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2024/257 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 (ĠU L, 2025/202, 31.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/202/oj).

([10]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/219 tat-30 ta' Jannar 2025 dwar l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed (ĠU L, 2025/219, 4.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/219/oj).

(4) Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet li Stat Membru jkun qabeż il-kwoti tas-sajd li kienu allokati lilu, il-Kummissjoni trid topera tnaqqis minn kwoti tas-sajd futuri ta' dak l-Istat Membru.

(5) L-Artikolu 105(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jipprevedi li dan it-tnaqqis għandu jiġi applikat fis-sena jew fis-snin ta' wara billi jiġu applikati l-fatturi ta' multiplikazzjoni rispettivi stabbiliti f'dawn l-Artikoli.

(6) Ċerti Stati Membri qabżu l-kwoti tas-sajd tagħhom għas-sena 2024. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi applikat tnaqqis mill-kwoti tas-sajd allokati lilhom fl-2025 u, fejn rilevanti, fis-snin ta' wara, għall-istokkijiet mistada b'mod eċċessiv.

(7) Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2407 ([11]) u (UE) 2025/66 ([12]) stabbilew tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għal ċerti Stati Membri u għal ċerti speċijiet għall-2024. Madankollu, għal ċerti Stati Membri, it-tnaqqis li kellu jiġi applikat għal ċerti speċijiet kien ikbar mill-kwoti rispettivi disponibbli fl-2024, u għalhekk ma setax jiġi applikat bis-sħiħ f'dik is-sena. F'konformità mal-punt 2 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2022/C 369/03 dwar linji gwida għat-tnaqqis tal-kwoti skont l-Artikolu 105(1), (2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 ([13]) ("il-Linji Gwida") u biex jiġi żgurat li f'każijiet bħal dawn jitnaqqas l-ammont sħiħ għall-istokkijiet rispettivi, jenħtieġ li jitqiesu l-kwantitajiet li jifdal meta jiġi stabbilit it-tnaqqis għall-2025 u, fejn xieraq, mill-kwoti sussegwenti.

(8) Il-Linji Gwida jiddikjaraw li, fejn applikabbli, l-iskeda taż-żmien għat-tnaqqis f'każ ta' sajd eċċessiv ta' waħda mill-kwoti għall-istokkijiet ġestiti mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd għandha tiġi adattata għall-iskeda taż-żmien għat-tnaqqis ta' dawn l-istokkijiet stabbilita fl-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd ikkonċernati. Ir-Rakkomandazzjoni 19-05 tal-ICCAT li tistabbilixxi programm ta' restawr għall-marlin blu ([14]) tipprevedi li kwalunkwe qbiż tal-limiti annwali tal-ħatt l-art stabbiliti għas-sena 2023 għandu jitnaqqas mil-limiti tal-ħatt l-art matul l-2025. Għaldaqstant, kif stabbilit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/66, it-tnaqqis minħabba s-sajd eċċessiv fl-2023 minn Spanja, għall-istokk tal-marlin blu fl-Oċean Atlantiku (BUM/ATLANT), ġestit mill-ICCAT, jenħtieġ li jiġi applikat fl-2025.

(9) Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni 22-03 tal-ICCAT għall-konservazzjoni tal-pixxispad tal-Atlantiku tat-Tramuntana ([15]) tipprevedi li kwalunkwe qbiż tal-kwota annwali aġġustata fis-sena 2024 għandu jitnaqqas mill-kwota/mil-limitu tal-qbid rispettivi għall-2026. Abbażi ta' dan, it-tnaqqis — inkluż dak li jirriżulta minn fatturi ta' multiplikazzjoni applikabbli — minħabba s-sajd eċċessiv mill-Portugall fl-2024 għall-istokk tal-pixxispad fl-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N (SWO/AN05N) jenħtieġ li jiġi applikat fl-2026.

(10) Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni 22-04 tal-ICCAT għall-konservazzjoni tal-pixxispad tal-Atlantiku tan-Nofsinhar ([16]) tistabbilixxi li kwalunkwe qbiż tal-kwota/tal-limitu tal-qbid annwali fl-2024 għandu jitnaqqas mill-kwota/mil-limitu tal-qbid rispettivi fl-2026. Konsegwentement, it-tnaqqis dovut minħabba s-sajd eċċessiv fl-2024, minn Franza, għall-istokk tal-pixxispad fl-Oċean Atlantiku, fin-Nofsinhar ta' 5°N (SWO/AS05N) jenħtieġ li jiġi applikat fl-2026.

([11]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2407 tat-13 ta' Settembru 2024 li japplika tnaqqis mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2024 minħabba s-sajd eċċessiv fis-snin ta' qabel (ĠU L, 2024/2407, 16.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2407/oj).

([12]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/66 tat-13 ta' Jannar 2025 li japplika tnaqqis mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2024 minħabba s-sajd eċċessiv ta' stokkijiet oħra fis-snin ta' qabel u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2407 (ĠU L, 2025/66, 16.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/66/oj).

([13]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar linji gwida għat-tnaqqis tal-kwoti skont l-Artikolu 105(1), (2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, u li tissostitwixxi l-Komunikazzjoni 2012/C 72/07 (2022/C 369/03) (ĠU C 369, 27.9.2022, p. 3).

([14]) Ir-Rakkomandazzjoni 19-05 tal-ICCAT biex jiġu stabbiliti programmi ta' restawr għall-marlin blu u għall-marlin abjad/il-pastardella imperjali. https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2019-05-e.pdf.

([15]) Ir-Rakkomandazzjoni 22-03 tal-ICCAT li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni supplimentari 21-02 li testendi u temenda r-Rakkomandazzjoni 17-02 għall-konservazzjoni tal-pixxispad tal-Atlantiku tat-Tramuntana. https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2022-03-e.pdf.

([16]) Ir-Rakkomandazzjoni 22-04 tal-ICCAT li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni supplimentari 21-03 li testendi u temenda r-Rakkomandazzjoni 17-03 għall-konservazzjoni tal-pixxispad tal-Atlantiku tan-Nofsinhar https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2022-04-e.pdf.

(11) Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni 23-10 tal-ICCAT dwar il-miżuri ta' ġestjoni għall-konservazzjoni tal-ħuta kaħla tal-Atlantiku tat-Tramuntana ([17]) tipprevedi li kwalunkwe ammont li jaqbeż il-limiti tal-qbid annwali stabbiliti għall-2024 għandu jitnaqqas mil-limiti tal-qbid rispettivi fl-2026. It-tnaqqis minħabba s-sajd eċċessiv fl-2024 mill-Portugall għall-istokk tal-ħuta kaħla fl-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5°N (BSH/AN05N) jenħtieġ li jiġi applikat biss fl-2026.

(12) Fl-2023, il-Ġermanja qabżet il-kwota tagħha għal speċijiet oħra fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 (OTH/1N2AB.) b'1,320 tunnellata. Barra minn hekk, baqa' tnaqqis ta' 19,997 tunnellata wara s-sajd eċċessiv, mill-Ġermanja, tal-kwota tagħha għall-OTH/1N2AB. fl-2022, f'konformità mal-punt 2 tal-Linji Gwida. Permezz tal-posta elettronika datata l-1 ta' Lulju 2024, il-Ġermanja talbet li t-tnaqqis dovut, jiġifieri l-21,317 tunnellata, jitqassam fuq 3 snin. Meta jitqies li, f'konformità mal-punt 3(b) tal-Linji Gwida, ħlas lura aktar bil-mod ikun eċċezzjonalment possibbli meta l-istokk ikkonċernat jinqabad f'sajd imħallat u telf sinifikanti tal-kwota jipprevjeni l-isfruttament tal-ispeċijiet assoċjati f'dik il-qabda tas-sajd imħallat, din it-talba ġiet aċċettata. L-ewwel tnaqqis ta' 7,106 tunnellati ġie applikat fuq il-kwota Ġermaniża għal OTH/1N2AB. fl-2024. It-tnaqqis annwali li fadal applikabbli għall-kwota Ġermaniża għal OTH/1N2AB. jammonta għal 7,106 tunnellati fl-2025 u għal 7,105 tunnellati fl-2026, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe adattament ulterjuri tal-kwota.

(13) Xorta jistgħu jsiru aktar aġġornamenti jew korrezzjonijiet wara d-detezzjoni, għall-eżerċizzju attwali jew preċedenti ta' tnaqqis, ta' erruri, ommissjonijiet jew rappurtar ħażin fiċ-ċifri tal-qbid iddikjarati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

(14) Billi l-kwoti jingħataw f'tunnellati, jenħtieġ li s-sajd eċċessiv li jinvolvi kwantitajiet ta' inqas minn tunnellata ma jitqiesx,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwoti tas-sajd stabbiliti għas-sena 2025 fir-Regolamenti (UE) 2024/2903, (UE) 2025/202 u (UE) 2025/219 għandhom jitnaqqsu kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([17]) Ir-Rakkomandazzjoni 23-10 tal-ICCAT biex tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni 19-07 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-konservazzjoni tal-ħuta kaħla tal-Atlantiku tat-Tramuntana li tinqabad flimkien mas-sajd tal-ICCAT. https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2023-10-e.pdf.

ANNESS

TNAQQIS MILL-KWOTI TAS-SAJD GĦAS-SENA 2025 GĦALL-ISTOKKIJIET LI ĠEW MISTADA B'MOD EĊĊESSIV

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwota inizjali għall-2024 (f'tunnellati)	Ħatt l-art permess għall-2024 (Kwantità adattata totali f'tunnellati) [1]	Qabdiet totali li saru fl-2024 (kwantità f'tunnellati)	Konsum tal-kwota mqabbel mal-ħatt l-art permess (f'perċentwal)	Sajd eċċessiv relatat mal-ħatt l-art permess (kwantità f'tunnellati)	Fattur ta' multipli kazzjoni [2]	Fattur addizzjonali ta' multipli kazzjoni [3] [4]	Tnaqqis pendenti mis-sena/snin ta' qabel [5] (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis applikabbli fl-2025 (kwantità f'tunnellati)
DE	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħra	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	125,000	116,894	114,875	Mhux applikabbli	– 2,019 [6]	/	/	14,211 [7]	7,106
DE	SPR	2AC4-C	Laċċa kaħla u qabdiet aċċessorji assoċjati	L-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni taż-żona 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit taż-żona 2a	696,000	2 435,941	2 647,571	108,69	211,630	/	/	/	211,630
DK	BOR	678-	Minfaħ	6, 7 u 8	6 711,000	7 327,837	7 681,530	104,83	353,693	/	/	/	353,693
DK	HER	5B6ANB	Aringa	6b u 6aN; l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żona 5b	/	2,758	33,940	1 230,60	31,182	1,00	/	/	31,182
ES	ARA	GF1-7	Gamblu aħmar	GSAs 1, 2, 5, 6 u 7	787,000	850,631	888,436	104,44	37,805	/	C [8]	/	37,805
ES	BUM	ATLANT	Marlin blu	L-Oċean Atlantiku	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	1,00	/	5,338	5,338
ES	COD	1N2AB.	Bakkaljaw	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	2 533,000	2 811,120	2 815,541	100,16	4,421	/	A [8]	/	4,421
ES	GHL	1N2AB.	Ħalibatt ta' Greenland	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	19,900	38,151	191,71	18,251	1,00	/	/	18,251

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwota inizjali għall-2024 (f'tunnellati)	Ħatt l-art permess għall-2024 (Kwantità adattata totali f'tunnellati) (1)	Qabdiet totali li saru fl-2024 (kwantità f'tunnellati)	Konsum tal-kwota mqabbel mal-ħatt l-art permess (f'perċentwal)	Sajd eċċessiv relatat mal-ħatt l-art permess (kwantità f'tunnellati)	Fattur ta' multipli kazzjoni (2)	Fattur addizzjonali ta' multipli kazzjoni (3) (4)	Tnaqqis pendenti mis-sena/snin ta' qabel (5) (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis applikabbli fl-2025 (kwantità f'tunnellati)
ES	HAD	1N2AB.	Merluzz tal-linja sewda	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	29,900	38,225	127,84	8,325	1,00	A	/	12,488
ES	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħra	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	/	18,899	Mhux applikabbli	18,899	1,00	A	/	28,349
ES	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	5,000	10,611	212,22	5,611	1,00	A	/	8,417
ES	RJU	8-C.	Raja ondjata	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 8	10,000	9,968	10,637	106,71	Mhux applikabbli	/	/	2,106	2,106
ES	RJU	9-C.	Raja ondjata	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 9	15,000	19,644	20,761	105,69	1,117	/	A (8)	/	1,117
ES	SOL	7HJK.	Lingwata komuni	7h, 7j u 7k	2,500	1,745	3,728	213,64	1,983	1,00	C	/	2,975
ES	SOL	8AB.	Lingwata komuni	8a u 8b	5,000	5,000	13,916	278,32	8,916	1,00	C	19,482	32,856
ES	SRX	89-C.	Rebekkini u raj	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 8 u 9	1 724,000	1 769,000	1 814,923	102,60	45,923	/	/	/	45,923
FR	BLI	24-	Linarda	L-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żona 2; L-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni taż-żona 4	8,000	13,900	26,989	194,17	13,089	1,00	/	/	13,089
FR	NOP	2A3A4.	Merluzz tan-Norveġja u qabdiet aċċessorji assoċjati	3a; l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni taż-żona 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit taż-żona 2a	/	1,537	4,799	312,23	3,262	1,00	/	/	3,362

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwota inizjali għall-2024 (f'tunnellati)	Ħatt l-art permess għall-2024 (Kwantità adattata totali f'tunnellati) ([1])	Qabdiet totali li saru fl-2024 (kwantità f'tunnellati)	Konsum talkwota mqabbel mal-ħatt l-art permess (f'perċentwal)	Sajd eċċessiv relatat mal-ħatt l-art permess (kwantità f'tunnellati)	Fattur ta' multipli kazzjoni ([2])	Fattur addizzjonali ta' multipli kazzjoni ([3]) ([4])	Tnaqqis pendenti mis-sena/snin ta' qabel ([5]) (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis applikabbli fl-2025 (kwantità f'tunnellati)
FR	SWO	AS05N	Pixxispad	L-Oċean Atlantiku, fin-Nofsinhar ta' 5°N	/	/	4,200	Mhux applikabbli	4,200	1,00	/	/	Mhux applikabbli ([9])
IE	HER	5B6ANB	Aringa	6b u 6aN; l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żona 5b	189,000	335,531	612,077	182,42	276,546	2,00	/	/	553,092
IE	HER	7G-K.	Aringa	7a fin-Nofsinhar ta' 52°30'N; 7g, 7h, 7j u 7k	750,000	867,500	946,445	109,10	78,945	/	/	/	78,945
MT	ARS	GF12-16	Gamblu aħmar kbir	GSAs 12, 13, 14, 15 u 16	36,000	36,000	38,313	106,43	2,313	/	/	/	2,313
PL	MAC	2A34-N	Kavall	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 3a, 3b, 3c u 3d; l-ilmijiet tar-Renju Unit taż-żona 2a; l-ilmijiet tal-Unjoni u tar-Renju Unit taż-żona 4; l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 2a u 4a	/	/	17,330	Mhux applikabbli	17,330	1,00	A	/	25,995
PT	ANF	8C3411	Petriċi	8c, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1	739,000	1 075,126	1 168,611	108,70	93,485	/	C ([8])	/	93,485
PT	BSH	AN05N	Ħuta kaħla	L-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5°N	4 024,820	4 024,820	4 059,070	100,85	34,250 ([9])	/	/	/	Mhux applikabbli ([9])

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwota inizjali għall-2024 (f'tunnellati)	Ħatt l-art permess għall-2024 (Kwantità adattata totali f'tunnellati) (1)	Qabdiet totali li saru fl-2024 (kwantità f'tunnellati)	Konsum tal-kwota mqabbel mal-ħatt l-art permess (f'perċentwal)	Sajd eċċessiv relatat mal-ħatt l-art permess (kwantità f'tunnellati)	Fattur ta' multipli kazzjoni (2)	Fattur addizzjonali ta' multipli kazzjoni (3), (4)	Tnaqqis pendenti mis-sena/snin ta' qabel (5) (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis applikabbli fl-2025 (kwantità f'tunnellati)
PT	GHL	1N2AB.	Ħalibatt ta' Greenland	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	38,900	41,067	105,57	2,167	/	/	/	2,167
PT	JAX	08C.	Sawrell	8c	186,000	97,000	128,495	132,47	31,495	1,00	/	1,605	33,100
PT	LEZ	8C3411	Megrims	8c, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1	107,000	117,000	120,237	102,77	3,237	/	C (8)	/	3,237
PT	SWO	AN05N	Pixxispad	L-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N	1 143,970	1 388,068	1 417,624	102,13	29,556 (9)	/	A (8)	/	Mhux applikabbli (9)

(1) Il-kwoti disponibbli għal Stat Membru skont ir-Regolamenti rilevanti dwar l-opportunitajiet tas-sajd wara li jitqiesu l-iskambji tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj), it-trasferimenti tal-kwoti mill-2023 għall-2024 f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TACs u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1996/847/oj) u mal-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jew ir-riallokazzjoni u t-tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikoli 37 u 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

(2) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Tnaqqis ekwivalenti għas-sajd eċċessiv * 1,00 għandu japplika fil-każijiet kollha tas-sajd eċċessiv ta' 100 tunnellata jew inqas.

(3) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u dejjem jekk is-sajd eċċessiv ikun jaqbeż l-10 %.

(4) L-ittra "A" tindika li ġie applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 minħabba s-sajd eċċessiv konsekuttiv fl-2022, fl-2023 u fl-2024. L-ittra 'C' turi li ġie applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 għaliex l-istokk huwa soġġett għal pjan pluriennali.

(5) Il-kwantitajiet li jifdal mis-sena/snin ta' qabel.

(6) Billi l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 mhuwiex applikabbli għal dan l-istokk, din il-kwantità mhux użata ma tistax tintuża biex jitbaxxa t-tnaqqis previst fl-2025.

(7) Li jrid jinfirex matul is-snin 2025 (7,106 tunnellati) u 2026 (7,105 tunnellati) wara t-talba tal-Ġermanja li t-tnaqqis ta' 21,317 tunnellata previst fl-2024 jinfirex b'mod ugwali fuq perjodu ta' 3 snin (2024, 2025 u 2026).

(8) Il-fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni mhuwiex applikabbli għaliex is-sajd eċċessiv ma jaqbiżx l-10 %.

(9) Li jrid jitnaqqas fl-2026 f'konformità mar-Rakkomandazzjoni rilevanti tal-ICCAT.